MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 65/2005

**Kenneth Cefai f'ismu propju u ghal kull interess li ghandu f' "Learnkey Training Institution"**

**vs**

**Jamie Borg**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Il-konvenuta qed tigi mitluba mill-attur thallas l-ammont ta' elf u wiehed u sittin lira Maltin (Lm1061.00) dovuta minnha lill-attur in kwantu ghal elf lira Maltin (Lm1,000.00) bhala bilanc minn somma akbar prezz ta' *tuition fees* ta' Christiana Marie Borg, in kwantu ghal erbghin lira Maltin (Lm40.00) prezz ta' uniformi u in kwantu ghal wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm21.00) prezz ta' kotba, liema

uniformi u kotba gew mislufa lil Christiana Marie Borg u din baqghet ma rritornathomx lura lill-attur.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 t’April, 2005 kontra l-konvenuta li qed tigi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.”

Ra l-kapitoli ipprezentati mill-attur fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2005.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tallum, minghajr ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra taghha fis-seduta tallum;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' LM1061 ammont dovut ghar-ragunijiet imsemmijin fl-avviz tat-talba bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 t'April 2005 u bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------